MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 437/2014

**Office Essentials Limited**
**C 27900**

**Vs**

**Falconetti Company Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta’ Lulju, 2014 fejn Office Essentials Limited bieghet, fornit u ddepozitat numru ta’ oggetti lil Falconetti Company Services Limited, hekk kif murija fl-invoice annessi (immarkati Dok A sa I);

Minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, Falconetti Company Services Limited baqghet ma hallsitx lis-socjeta’ attrici ghal tali oggetti;

Tali hlas, hekk kif jidher car mid-dokumenti annessi jammonta ghal total ta’ hames mija u sebgha’ ewro u sitta u hamsin centezmu (€507.56);

Ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici qieghda titlob il-hlas ta’ dan l-ammont, bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta’ konvenuta, bl-ingunzjoni tas-socjeta’ konvenuta ‘n subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014 u filfatt is-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenut thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ hames mija u sebgha’ ewro u sitta u hamsin centezmu (€507.56) bl-imghaxijiet legali mid-dati tal-prezentati, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------